MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Numru. 1185/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**KONTRA**

**KARIM TARHUNI ta' 20 sena, iben il-mejjet Mustafa u Josephine nee' Carabott, imwieled Tal-Pieta' nhar is-7 ta' Ottubru, 1989, residenti fil-fond 103, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 471 789M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Karim Tarhuni** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Jannar, 2006, ghall-habta ta' l-10.00am, u fix-xhur ta' qabel, waqt li kien fi Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, minghajr awtorita' legali jew

minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew fil-pussess tieghu zewg biljetti tal-flus falsikati tal-kambju ta’ Lm5.00 (hames liri Maltin) li kien jaf li kienu falsifikati, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli ghamel uzu jew xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, xi karti mahsuba biex jixbhu u biex jghaddu bhala karti specjali (Lm5.00) bhala dik provduta u uzata ghal ghemil ta’ xi biljett tal-flus, jew karta specjali tali, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali kif ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat illi fi stadju ta’ interrogatorju ddikkjara li kien hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat li konsegwentement ghalhekk gie ordnat u prezentat Pre-Sentencing Report.

Rat l-istess rapport u taqbel ghal kollox mal-konkluzjonijiet tieghu.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 46 u 47 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Qieghda tqieghdu taht Ordni ta’ Probation u dan wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan li din l-Ordni ghandha tkun ghal zmien sentejn (2) mill-lum matul liema zmien l-imputat ghandu jsegwi dawk id-direttivi lilu moghtija mill-Ufficjal tal-Probation b’mod partikolari fejn jidhol impjieg fiss. Oltre dan jekk l-istess Ufficjal tal-Probation ihoss il-bzonn, Karim Tarhuni ghandu jsegwi dak il-programm lilu ndikat kontra l-vizzju tal-loghob ta’ l-azzard jew programm iehor appozitu. Ghandu jsir rapport lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament u progress ta’ l-istess Karim Tarhuni fi hdan din l-Ordni hekk moghtija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------